**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U ERBGĦIN**

**18 TA' APRIL, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **47.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 47.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| | | |
| **47.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 47.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitta u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| 47.2.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta marret mal-ħaddiema biex iwaħħlu mera ma' garaxx ta' persuna li talbitha fi Triq it-Torri, l-istess persuna ma riditix ma' propjeta' tagħha, imma riditha ma' propjeta ta' persuna oħra, jew ma' arblu fil-viċin. Il-ħaddiema qalu li jekk titwaħħal mal-arblu indikat, il-mera faċilment li titkisser, għax l-istess arblu bit-tabella fuqu |

| | | |
|---|---|---|
| | | inbidel diversi drabi. Il-mera ma twaħħlitx. |
| | | |
| | | |
| ***47.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 47.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment biex isiru aktar parking bays fi Triq Nardu Sacco. Biex fejn tagħlaq it-triq isir yellow line ħalli ma jipparkjawx u jostakolaw l-aċċess tal-garaxx tagħha.<br>Ma kienx hemm qbil li jitnaqqas parkeġġ, meta resident jista jdaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx li jkollu.<br>. |
| | | |
| 47.3.2 | | Il-membru Joseph D'Amato qal li faċċata taċ-ċimitermu waqa' ħajt tas-sejjieħ, li rriżulta li hu tas-Sur Baldacchino. Hu żied jgħid li ġie kkuntatjat biex itellgħu u għadu ma tellgħux.<br>Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jikkuntatja lill-Assistent Kummissarju fuq dan. |
| | | |
| 47.3.2 | | Il-membru Joseph D'Amato qal li fi Sqaq it-Torri hemm passaġġ fejn l-ilma tax-xita jgħaddi u fl-istess post ingħataw il-permessi tal-bini. Hu żied jgħid li jekk isir il-bini, l-ilma ma jkollux fejn imur. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Planning Authority. |
| | | |
| 47.3.3 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia qal li fi Triq il-Qiegħa hemm caravan ipparkjat u fi Triq ta' Ciantar hemm dgħajsa. Kien hemm qbil li jsir rapport l-għassa. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***47.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss*** |
| | | |
| 46.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 23 ta' Mejjul, 2018 fil-17:30. |

Konfermati, illum ______ ta' Mejju, 2018.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**